

# 1944

*kitba ta' Vince Peresso, Kaxxier*

**B'tifkira ta' l-ewwel purċissjoni bil-vara titulari ta' San Sebastjan**

**(Diskors mogħti f'Jum is-Soċjeta` nhar l-4 ta' Ġunju 2004)**

Dis-sena l-ħsibijiet tagħna qed imorru sittin sena lura għas-sena 1944 għax dik kienet sena importanti fil-ġrajja tal-parroċċa tagħna li allura kien għad kif għalqet sitt snin u kellha bħala kappillan lil Dun Alwiġ Psaila(1). Fl-1944 ħarġet indurata għall-ewwel darba l-istatwa titulari ta' San Sebastjan(2). Kienet għalhekk dik is-sena festa importanti u speċjali għaliex tista' tgħid kienet l-ewwel festa kompluta li saret fil-parroċċa, billi fis-snin ta' qabel jew ma saritx il-festa minħabba l-gwerra jew il-purċissjoni saret bis-sagrament.

Se infakkar din il-ġrajja iżda aktar mil-lenti tal-Każin Pinto. Min kien fil-Kumitat u min kienu l-bandisti? X'ġara fil-Każin matul dik is-sena? X'sehem kellu l-Każin f'dik il-festa speċjali? Dawn huma l-mistoqsijiet li bi ħsiebi nindirizza f'dan l-artiklu tiegħi.

## KUMITAT



Nibda bil-Kumitat li kien inħatar f'Ġunju ta' l-1943 li iżda jidher li nqalgħu xi problemi(3) fil-formazzjoni tiegħu, tant hu hekk li f'Novembru rriżenjaw sew l-President Carmelo Saliba(4) kif ukoll is-segretarju Elia Borg u l-viċi kaxxier Alfred Saliba. Dawn il-karigi ġew imbagħad okkupati *ad interim* minn Salvino Chircop(5) (viċi President) u minn Paul Sammut (viċi segretarju) sakemm f'Jannar tal-1944 inħatar fil-kariga ta' President it-tabib Bertu V. Hyzler(6) u segretarju mill-ġdid Elia Borg.

Membri oħra tal-kumitat kienu Gorg Gatt (tal-ħaddied) fil-kariga ta' kaxxier u ibnu Giuseppe Maria Gatt(7) flimkien ma' Paolo Pulis, Joseph Buttigieg (tal-banka tal-lotto), Paolo Farrugia (aktar tard laħaq tabib kif ukoll ambaxxatur għas-Santa Sede) Emanuele Bonnici (it-Tentila), Vincenzo Attard, u l-aħwa Alfred u Nazzareno Saliba (taż-żgħajjar).

## IL-BANDA

Il-banda min-naħa l-oħra kienet għada kif reġgħet ġiet fdata lis-surmast Joseph Busuttil(8) waqt li l-assistent tiegħu kien Emanuele Morello. Lista sħiħa ta' bandisti ma sibtx iżda mill-attendenza għas-seduti ġenerali joħorġu ismijiet magħrufa magħna. Hekk huma l-aħwa Alessio u Peter Zammit(9), l-aħwa Ċikku, Gian Andrea, Leli u Antonio Bonniċi, Antonio, Salvu u Karmnu Casha, Gilardu Borg, Leli Spiteri, Gigi u Gorg Ciappara, Paolo Barbara, John Gatt, Paolo Sammut u Daniele Formosa. L-anzjani fostna jiftakru bosta minn dawn l-ismijiet bħalma jiftakru l-laqmijiet tagħhom ta' l-isprin, tat-Tentila, taż-Żebbuġ, iż-Żebbuġi, ta' Berberet, tal-Ħaddied, il-Ġerrej u ta' Brun. Bandist ieħor li ma semmejtx hu Giuseppe Formosa, iż-Żebbuġi, li kien idoqq kornu. Dan hu ħu Pawlu, u z-ziju ta' Albinu u Tarċisio(10). Il-familja Formosa ilha minn dak iż-żmien anzi minn bosta snin qabel ukoll midħla tal-każin. Dari bandisti kienu l-aħwa Giuseppe u Pawlu u ulied dan ta' l-aħħar jiġifieri Vito, Danjel, Gużeppi, Tarcisio u Albino(11). Sa llum għad għandna bandisti minn din il-familja (Pawlu u bintu Marija, u Edward Montebello). Meta dan Giuseppe fl-1943 waqaf mill-banda wara servizz ta' ħamsin sena il-Kumitat deherlu li jonorah b'rigal ta' tifkira li nagħtalu waqt wieħed mill-programmi tal-banka tal-lotto li sar nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar 1944. Mill-kotba tal-kaxxier jidher li Formosa nagħta plattin tal-fidda b'iskrizzjoni, li ġie jiswa £3 u 15s (Lm3.75), u wara sar ukoll festin żgħir (12).



F'Awissu miet il-kaxxier Giorgio Gatt. Jidher li miet wara marda qasira tant hu hekk li l-kaligrafija tiegħu tibqa' tidher fil-kotba tiegħu sewwa sew sa ftit ġimgħat qabel mewu. Huwa kellu 66 sena. Ġorġ Gatt kien ilu jikkupa l-kariga ta' kaxxier mill-1907 jiġifieri dam 37 sena fil-kariga. B'hekk hu l-aktar persuna li qatt okkupa l-istess kariga fil-każin. Beda fil-fatt minn żmien il-firda tal-Banda taz-Zokk (13) u laħaq ukoll żminijiet ta' taqlib li ġabu l-gwerer l-aktar l-aħħar waħda. Hu laħaq ukoll it-twaqqif tal-parroċċa ta' San Sebastjan bil-problemi li nqalgħu fis-Soċjeta` immedjatament wara(14). Kif kien xieraq nhar l-24 ta' Awissu l-Banda Pinto akkumpanjat fil-funeral tiegħu mill-Knisja ta' San Ġorġ sa tarf Triq il-Kbira minn fejn tkompla għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Il-familja Gatt ukoll kellha diversi membri tagħha fil-każin sew fil-Kumitat kif ukoll fil-banda. Fosthom insemmu lil Giuseppi u ħuh Giovanni, u llum lill-aħwa Vince u Ġorġ (ir-Rice). Għal xi żmien kien fil-Kumitat ukoll Jason, iben Ġorġ.

## ASSEMBLEA NAZZJONALI KOSTITWENTI

Naqilbu s-suġġett u mmorru għal avveniment nazzjonali u politiku importanti li seħħ sewwa sew hekk kif intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija. Kien ġie deċiż mill-mexxejja Ingliżi li tissejjaħ Assemblea Nazzjonali bil-għan li tagħmel Kostituzzjoni ġdida għal Malta. Il-membri ta' din l-Assemblea kienu ġejjin mill-għaqdiet kollha kostitwiti f'Malta dak iż-żmien. Fost dawn l-għaqdiet kien hemm il-Każini tal-Banda. Fis-seduta tal-Kumitat li saret tat-2 ta' Awissu 1944 tkellem il-President Hyzler(15) biex jispjega l-importanza ta' l-avveniment u diversi membri qalu tagħhom. Il-Kumitat imbagħad iddeċeida li l-għażla tar-rappreżentanti ssir f'seduta ġenerali, li saret fil-11 t'Awissu. L-għażla waqet fuq il-President Hyzler u fuq il-bandist Emanuele Bonnici. Barra minn hekk iżda s-Seduta Ġenerali ddeċidiet li l-Każini tal-Banda għandhom jiltaqgħu bejniethom sabiex jippreparaw ruħhom. F'seduta ġenerali oħra li saret f'Novembru ġie imbagħad deċiż li lil dawn iż-żewġ rappreżentanti tingħatalhom il-fakolta li jiddeċiedu huma skond il-kuxjenza kif jivvutaw waqt din l-assemblea. Fil-fatt Hyzler u Bonnici kienu fuq kampijiet opposti fil-politka nazzjonali (16). Dawn kienu l-ewwel passi tat-tabib Hyzler fil-karriera politika tiegħu. Kien permezz tal-Każin tagħna li t-tabib Hyzler qabad karriera fil-politka li wasslitu biex ikun Ministru kif ukoll Aġent President ta' Malta(17).

## TBERIK TAL-VARA TITULARI



Niġu issa għall-festa li l-Kumitat mill-ewwel qiesha bħala importanti. Kienet it-tieni festa li saret wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1943 saret purċissjoni bla vara imma fl-1944 il-vara tlestiet u kienet se toħroġ proċessjonalment għall-ewwel darba mat-toroq tal-parroċċa. Bi tħejjija għal din il-festa l-Kumitat ħaseb li jagħmel xi ħaġa li tibqa' fiż-żmien. Nisthajjilhom li għamlu bħal dik il-familja li jkollha xi festa importanti fi ħdanha. Spiss fil-familji nieħdu l-okkażżjoni biex nagħtu dawra tajba lid-dar. Hekk għamel il-Kumitat u ħaseb biex jirranġa xi ħaġa fil-Każin sabiex din tkun tifkira li tibqa. Id-deċiżjoni kienet li jirranġaw żewġ kmamar ta' fuq fil-Każin, li dik il-ħabta kienu żewġ kmamar jinfdu b'bieb normali.

Ix-xogħol nagħta lill-imgħallem Gian Andrea Bonnici(18), li kien ukoll bandist. Ġiet allokata s-somma ta' erba' mitt lira, biex iż-żewġ kmamar ingħaqdu flimkien permezz ta' ħnejja tistrieħ fuq żewġ kolonni.



Ġiet ukoll ikkummisjonata pittura tal-Granmastru Pinto (19) għand l-artist Qormi, Emanuel Borg Gauci (20). Din ġiet gwarniċjata(21) u tqegħdet fil-post fejn għadna narawha llum. Faċċata tagħha tqegħdet il-pittura ta' San Sebastjan (22), xogħol bikri ta' Esprit Barthet, fejn dari kien hemm l-uffiċċju. Dan l-arranġament għadna narawh sa llum. Id-dekorazzjoni tas-sala Pinto ngħaqdet permezz ta' frież magħmul minn Rafel Bonnici Cali(23), li flimkien ma' mottiv floreali għaqqad bandalori żgħar bi skudetti li fihom hemm l-ismijiet ta' tnax-il kompożituri Maltin (24). Dawn kienu affarijiet li saru bil-għaqal u għalhekk għadna ngawduhom sal-lum.

Iżda il-festa kienet tfisser ukoll ċelebrazzjoni ta' ferħ li ntweriet propriju bil-wasla ta' Mons Arċisqof Gonzi. Nhar it-2 ta' Lulju 1944 Il-Banda Pinto laqgħet lill-Arċisqof f'tarf ir-raħal, fejn l-ġnien ta' l-Armier. Bl-istendardi tal-Papa u ta' Pinto fuq quddiem akkumpanjatu bid-daqq tal-marċi u laqgħetu fil-Każin(25).



Hemmhekk l-Isqof Gonzi bierek is-sala ġdida u minn hemm imbagħad mar fil-knisja parrokkjali għat-tberik ta' l-istatwa titulari, nimmaġina jien fost il-ferħ tal-parruċċani.

Minbarra l-marċ tat-tberik il-Banda Pinto għamlet ukoll żewġ servizzi oħra fil-festa dawn kienu fit-8 u fid-9 ta' Lulju, lejliet u nhar il-festa(26). Banda mistiedna għall-festa kienet il-Banda San Filep.

## SERVIZZI TAL-BANDA

Nagħlaq billi insemmi is-servizzi li għamlet il-Banda Pinto tul l-1944. Kellna tlettax-il servizz li kienu maqsumin kważi ndaqs bejn dawk fil-parroċċa u dawk f'parroċċi oħra. F'tal-parroċċa diġa semmejt il-programm f'Jannar, il-funeral tal-kaxxier f'Awissu, u tlett servizzi fil-festa li kienet issir fit-tieni ġimgħa ta' Lulju. Kellna imbagħad servizz nhar Ħadd il-Palm u ieħor fl-irxoxt.

Min-naħa l-oħra f'parroċċi oħra daqqejna sitt darbiet li tnejn minnhom saru fil-parroċċa ta' San Ġorġ jiġifieri fil-festa titulari u fil-festa ta' San Franġisk. Barra dan daqqet fil-festi ta' San Filep f'Ħaż Żebbug f'Mejju, tat-Trinita fil-Marsa f'Ġunju, tal-Grazzja f'Ħaż Żabbar f'Settembru, u f'San Nikola s-Siġġiewi f'Diċembru(27).

## IMPJEGATI TAL-KAŻIN

Kelma ta' l-aħħar dwar l-impjegati tal-każin li kienu tlieta. Fil-bar, jew kif kien magħruf il-bottegin, kien hemm Alfred Saliba taż-żgħajjar, waqt li l-markatur kien Alessio Zammit li kien jitħallas żewġ liri fil-ġimgħa. Il-bidillu, li kien Ċikku Camilleri ċ-Chief, kellu ħlas ta' lira u nofs fix-xahar pero kien jieħu sitt soldi (2c5) fil-lira mid-dħul tat-tombla, li kien ifisser dħul ieħor ta' aktar minn tlettax-il lira fix-xahar.

Fit-tagħlim tal-mużika s-surmast Busuttil kellu ħlas ta' erba' liri fix-xahar waqt li kien jingħatha żewġ liri u ħames xelini (Lm2.25) għat-trasport. Min-naħa l-oħra l-assistant Morello kellu salarju ta' żewġ liri fix-xahar. Il-bandisti barranin kienu jitħallsu bin-nofs lira għal kull servizz u meta kienu inagħtaw tat-trasport dan kien ikun xelin (5c). Xi drabi iżda kienu jikru xi karozzin biex iwasslu lill-bandisti.

Minn dan il-kwadru li rajna jidher ċar li s-Soċjeta` Filarmonmika Pinto sewwa sew fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija kienet attiva daqs qatt qabel. Saret mhux biss ħidma normali imma ukoll ħadet ħsieb li tirranġa l-Każin u tieħu sehem fil-festa importanti tal-parroċċa u tikkontribwixxi fl-Iżvilupp politiku ta' wara l-gwerra.




1. L-ewwel kappillan tal-parroċċa li dam sal-1956 u aktar tard sar Monsinjur tal-Kattidral
2. L-istatwa hi xogħol artistiku stil neo-klassiku ta' Ġorġ Borg u saret fl-1937 meta intweriet f'Ħal Qormi għada mhix indurata. Jingħad li l-iskultur kien jippreferiha tibqa' bla induratura. L-induratur hi xogħol ta' Toussaint Busuttil.
3. Kienet qamet diskussjoni dwar jekk membru tal-Kumitat li jkun ingħata l-bottegin għandux jibqa' bil-bottegin waqt li jibqa' membru fil-Kumitat. Id-deċiżjoni kienet li le, u għalhekk l-Assistent Kaxxier Alfred Saliba (taż-Żgħajjar) kellu jirriżenja.
4. Huwa ukoll mill-familja taż-Żgħajjar okkupa l-kariga għal tliet xhur biss minn Ġunju sa Settembru 1943.
5. Salvinu Chircop okkupa diversi karigi fil-Kumiat għal diversi snin. Fost l-oħrajn kien segretarju kif ukoll okkupa l-kariga ta' President bejn 1939-43 u bejn 1947-1953.
6. It-tabib Hyzler dam President sal-1947 u fi żmienu saret riforma fl-istatut u nxtrat l-ewwel parti mill-każin.
7. Okkupa l-kariga ta' Assistent Kaxxier u għal ftit żmien wara l-mewt ta' missieru kien ukoll kaxxier.
8. Is-surmast Busuttil idderieġa l-Banda Pinto f'żewġ perjodi (1927-1935 u 1943-1950)
9. Alessio (jew Lizju) kien il-kopjatur tal-mużika għall-każin kif ukoll markatur tal-biljard, waqt li Peter, li miet fl-1945, għamel żmien ukoll jgħallem l-allievi.
10. Illum it-tnejn bandisti onorarji. Albino għadu membru fil-Kumitat sa llum waqt li Tarcisio spiċċa mid-daqq tal-pjatti ftit ta' snin ilu, wara li ta servizz twil fil-banda.
11. Matul iż-żmien diversi minn ulied din il-familja Formosa kienu bandisti mal-Banda Pinto.
12. Fil-familja Formosa kien hemm ukoll qalbisti oħrajn li ħabbew lill-Każin fosthom Eufrażja li fost l-oħrajn rregalat il-plakka ta' Santa Cecilia għall-arkivju; kif ukoll Vito li kien fil-Kumitat u bandist u rregala s-sett qniepen.
13. Dwar din il-ġrajja kont ktibt artiklu f'ħarġa preċedenti tal-ktieb tal-festa tas-Soċjeta Filarmonika Pinto
14. Hekk kif is-Soċjeta` sabet ruħha f'parroċċa ġdida u biex ma titneħħiliex d-dritta fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira waħda mill-kmamar fid-dar ta' Gorg Gatt kienet ġiet reġistrata bħala anness tal-każin.

Iżda l-Isqof iddeċieda li l-Banda Pinto tilfet id-dritta għax il-każin tagħha ma kienx fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

15. It-tabib Albert Hyzler kellu ukoll lil zijuh, it-tabib Emanuel Hyzler, li għal sentejn (1922-24) okkupa l-kariga ta' President.

16. Wara l-mewt ta' Bonnici (1946) il-Kumitat ħatar lil Gużi M Scerri li sadanittant kien sar membru tal-Kumitat u aktar tard sar segretarju tas-Soċjeta

17. Lit-Tabib Hyzler nibqgħu niftakruh ukoll għax fi żmienu saret riforma ta' l-istatut fejn fost l-oħrajn ġie stabbilit li l-ebda membru tal-Kumitat ma jista' jokkupa kariga fil-poltika nazzjonali, għax kif kien jgħid il-każin tal-banda għandu post fejn nies b'ideoloġiji differenti jistgħu jiltaqgħu bil-liberta kollha.

18. Fil-ktieb tal-Kaxxier jissemmew l-ismijiet tal-ħaddiem flimkien ma' siegħat ta' xogħol u ħlas li nagħtaw. Dawn kienu: Emanuele u Antonio Bonnici, Carmelo Casha, Pietro Cutajar, Francesco Xiberras, Antonio Zammit, Gius Borg, Carmelo Spiteri, George Formosa. Kienu jitħallsu bil-lira fis-siegħa.

19. Hija kopja fidila tal-Pittura ta' Favray tinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

20. Borg Gauci hu artist Qormi li tiegħu hemm ukoll tliet biċċiet xogħol oħra fil-Każin: Pittura ta' l-Isqof Gonzi, pittura żgħira tal-granmastru Pinto u Pittura ta' San Sebasstjan imdewwi mill-anġli.

21. Il-gwarniċ qam £10. 19s (Lm10.95 bil-flus ta' llum) u sar għand Giuseppe Pulis.

22. Hija kopja tal-pittura ta' Sodoma li l-oriġinal jinsab fil-Gallerija Uffizzji ġo Firenze. Barthet pittirha fl-1937 meta kien għad għandu xi 18-il sena

23. Bonnici Cali tħallas is-somma ta' £20.

24. Il-kompożituri rapreżentati huma Don M'Angelo Vella (1715-1792); Francesco Azopardi (1748-1809); Pietro Paolo Bugeja (1761-1820); Nicolo Isouard (1770-1818); Alessandro Curmi (1801-1957); Patri Giuseppe Spiteri Fremond (1804-1878); Can Francesc Schira (1809-1883); Dr Paolo Nani (1814-1904); Don Luigi Fenech (1837-1901); Paolino Vassallo (1856-1913); Caro Diacono (1876-1942); Carlo Fiamingo (1882-1941).

25. Tagħrif meħud mill-Minuti tas-Seduti ta' l-1944.

26. Minħabba li sar is-servizz tat-tberik tal-vara l-Kumitat kien iddeċieda li jnaqqas marċ mill-ġimgħa tal-festa. Waqt li l-minuti jgħidu li kellu jinqata' l-marċ ta' lejliet il-festa, fil-kotba tal-kaxxier jidher li l-marċ li ma sarx kien ta' l-aħħar tridu.

27. F'kull każ fil-kotba tal-kaxxier hemm lista bl-ismijiet tal-bandisti barranin u ħlas ta' nofs lira għas-servizz u xelin għat-trasport għal x'uħud minnhom.

**Is-Soċjeta` għandha għall-kiri Platforms jintramaw u jistgħu jintużaw bħala palk.**

**Jekk tixiteq tikri dawn il-platforms kellem lid-Direttur Ġenerali.**